# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
## SEDE CIVILI

### MAGISTRAT
### DR. DENNIS MONTEBELLO B.A. LL.D.

### SEDUTA TA’ NHAR IL-GIMGHA 1 TA’ MARZU 2002

**Numru 16**

**Avviz numru 723/01DM**

**Atlas Insurance Agency Limited u dawn bhala agenti ta’ AXA Insurance PLC ga’ Guardian Royal Exchange, PLC kif surrogati bil-ligi u bil-polza fid-drittijiet tal-assigurat taghhom Chris Mifsud Bonnici u Chris Mifsud Bonnici f’ismu proprju**

**vs**

**Ronald Camilleri**

**Il-Qorti,**

Rat l-avviz permezz ta’ liema l-atturi talbu l-kundanna tal-konvenut ghal hlas tas-somma komplessiva ta’ erbat elef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm4598) danni mhallsa mill-attur nomine fuq vettura EAG 607 assikurata comprehensive u ghal liema somma l-attur nomine jinsab surrogat fid-drittijiet ta’ Chris Mifsud Bonnici u dan billi fl-10 ta’ Marzu 2000 gol-Marsa waqt li kien qed isuq il-vettura BAC

201 habat mal-vettura EAG 607 proprjeta ta' Chris Mifsud Bonnici u misjuqa mill-konvenut ghal liema incident hu kien unikament responsabbli.

Bl-ispejjez, komprizi dawk tal-ittra ufficjali tat-30 ta' Awissu 2000, u bl-imghax tat-8% fuq erbat elef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm4598) mit-30 t'Awissu 2000 sal-hlas effettiv kontra l-konvenut ngunt ghas-subizzjoni.

Rat illi ghalkemm il-konvenut ikkontesta t-talba attrici fis-seduta tas-7 ta' Dicembru 2001, u kkontesta biss il-quantum izda mhux ir-responsabbilta tieghu ghall-incident, huwa naqas milli jipprezenta l-eccezzjonijiet formali u ma deherx fis-seduta tallum biex jirrispondi ghad-domandi in subizzjoni.

Ghaldaqstant it-talba attrici tirrizulta gustifikata u timmerita konferma u l-Qorti qeghda tilqa t-talba attrici u tikkundanna lill-konvenut sabiex ihallas lill-attur s-somma mitluba ta' erbgha telef hames mija u tmienja u disghin lira Maltin (Lm4598) ghar-ragunijiet indikati fl-avviz, bl-imghaxijiet legali b'effett mit-30 t'Awissu 2000; u

Bl-ispejjez kontra l-konvenut.

Magistrat

A. Farrugia

Dep.Reg.

va